

32003D0211

L 80/35

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

27.3.2003

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2003/211/CFSP  
ta' l-24 ta' Frar 2003**

**li tikkonċerna l-konklużjonijiet tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u t-Trattat ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana dwar is-Sigurtà ta' l-Informazzjoni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet mill-Presidenza,

Billi:

- (1) Ftehim Temporanju fuq Sigurtà bejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u tat-Trattat ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana kien konkluż wara Skambji ta' Ittri bejn is-Segretarji-Ġenerali rispettivi tagħhom fis-26 ta' Lulju 2000.
- (2) Il-Kunsill Ewropew f'Barcellona enfasizza l-importanza li jinkisbu arranġamenti permanenti bejn l-Unjoni Ewropea u n-NATO fl-iqsar żmien possibbli. Għal dan il-għan, saqsa ukoll lill-Presidenza flimkien mar-Rappreżentant Għoli biex isiru kuntatti xierqa ta' livell għoli biex jiġi żgurat riżultat pożittiv. Fost l-arranġamenti ttrattati kien hemm ftehim dwar is-sigurtà ta' l-informazzjoni.
- (3) Bir-riżultat tad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti tas-sigurtà rispettivi tagħhom fl-1 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma f'pożizzjoni li jikkonformaw għal kollox ma' l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim.
- (4) B'konsegwenza tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' April 2002 li awtorizzat lill-Presidenza biex tibda negozjati man-NATO, il-Presidenza, mgħejuna mis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, innegozja Ftehim fuq is-sigurtà ta' l-informazzjoni.
- (5) Dak il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u t-Trattat ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana dwar is-Sigurtà ta' l-Informazzjoni hu hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat li jiffirma l-Ftehim biex jorbot l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni se tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni se tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Frar 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. PAPANDREOU